Eċċellenza, Dun Anton, kollegi. Grazzi li lqajtu l-istedina tagħna biex niddiskutu l-familja u l-addiction.

Għal dawn l-aħħar snin qbadna suġġett partikolari u ddiskutejnieh mill-perspettiva tal-addiction – suġġetti bħat-tfal, il-mara, is-saħħa mentali, ix-xogħol u llum tkellemna dwar il-familja. Kull darba ppruvajna nitfgħu dawl dwar l-impatt tal-addiction fuq dawn l-oqsma.

Xtaqt nagħmel ftit riflessjonijiet. Mhux ser indum.

1. Il-kelma **addiction** ġejja mill-kelma Latina addicere, li kienet tintuża fit-tieni seklu qabel Kristu fejn kienet tirreferi għal persuna li wara li tkun spiċċat bid-dejn minħabba l-logħob issir skjav ta' dawk il-persuni li lilhom għandha tagħti sakemm din tifdi d-dejn kollu li tkun għamlet. Allura l-addict huwa skjav ta' dak li fil-bidu kien ta' pjaċir u ta' soljev (Rosenthal & Faries, 2019)
2. **Il-familja hija organu kumpless** li huwa effettwat minn ħafna fatturi li dejjem jinbidlu matul ż-żmien. Il-familja hija organu dinamiku immens li dejjem hemm bżonn jiġi studjat. Biżżejjed inħarsu lejn id-diversi forom ta' familja li jeżistu. Ħafna drabi nitkellmu minn koppji – couples, imma llum qed nitkellmu wkoll minn traples.
3. **Il-familja hi l-aktar organu importanti tas-soċjetà**. Aħna qegħdin hawn minħabba l-familji tagħna, bit-tajjeb u ħażin kollu tagħhom. Sfortunatament, min suppost qiegħed hawn magħna reġa' ma ġiex.

4. L-**ekonomija** – Irrid ngħid li kien hemm żmien fejn l-ekonomija kienet hemm biex issaħħaħ ttejjeb l-iżvilupp tal-familja. Illum il-familja qiegħda hemm biex issaħħaħ l-ekonomija.
5. **Bżonn versu Kapriċċ** – Għalkemm il-familja hija organu kumpless, dan l-organu ikun l-aktar b'saħħtu meta dan l-organu jagħraf u jagħmel distinzjoni bejn dak li hu tassew bżonn u dak li hu kapriċċ.

Għaldaqstant ser immur lura għal dak li bdejt bih – l-addiction. Ħafna jassoċċjaw l-addiction mad-drogi. Naħseb li addiction hija aktar wiesa minn hekk. Naħseb li llum sirna addicted għal stil ta' ħajja, b'tali mod li aħna kkontrollati u skjavi mingħajr ma nafu. U din għandha mpatt kbir fuq il-familja.

Nagħlaq bis-sentenza li biha għalaqt id-diskors tiegħi nhar l-anniversarju tal-fondazzjoni OASI – veru, mhux kulħadd qiegħed fl-istess dgħajsa, imma kulħadd qiegħed fl-istess baħar. Mela ejja niġbdu l-istess ħabel, mill-istess naħa, mhux għax jaqbel lili imma għax hekk hemm bżonn għall-ġid ta' kulħadd.